MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Avviz Numru. 669/2001/1

**Paul u Josephine konjugi Zammit**

**Vs**

**Joseph Coleiro u martu Anna Maria Coleiro ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih, l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' Lm2500 (elfejn u hames mitt lira maltin) rappresentanti ammont bilancjali lilom dovut ghall-diversi oggetti mobbli li kienu jinsabu fil-fond Silvester Take Away, liema oggetti mobbli gew lilhom mibjugha u kkonsenjati u dan skond il-kondizzjonijiet ta' skrittura privata tal-11 ta' April 1995.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Marzu 2001, tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2001 u bl-imghax

legali mill-31 ta’ Awissu 1998 data ta’ meta kellu jsir l-ahhar pagament, skond l-iskrittura, sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 8 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikoli 2148(b) u 2156(f) tal-Kodici Civili.
2. Illi l-eccipjenti Anna Maria Colerio mhijiex legittima kontradittur f’din il-procedura, billi hija ma kellha ebda sehem fin-negozju bejn zewgha u l-atturi, inoltre qatt ma giet interpellata ghal xi hlas.
3. Illi f’kull kaz u bla preguizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjenti Joseph Coleiro kien hallas il-prezz shih tal-oggetti mibjugha lilu.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawzi.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni preliminari, bazati fuq il-preskrizzjoni tal-azzjoni in esami skond l-artikoli citati, gew prodotti s-segwenti provi:-

a) L-attur, meta xehed, (fol 13 u fol 21 et seq ibid) beda biex jesebixxi l-iskrittura pruvata msemmija fl-avviz u li tinsab a fol 16 u fol 17 tal-atti. Mill-istess skrittura jirrisulta li fil-11 ta’ April 1995 l-attur kien biegh lill-konvenut l-oggetti mobbli li hemm fl-istabilment kummercjali imsemmi fl-istess avviz u dan versu l-prezz ta’ Lm4000. Dwar l-istess prezz, hemm dikjarat illi l-konvenut diga’ kien hallas l-ammont ta’ LM600 waqt li l-bilanc ta’ Lm3400 kellu jithallas kull sitt xhur f’rati ta’ mhux anqas minn Lm500 bl-ewwel rata dovuta mhux aktar tard mill-31 ta’ Awissu 1995 u l-pagamenti l-ohra mhux aktar tard mit-28 jew 29 ta’ Frar u mill-31 ta’ Awissu tas-snin sussegwenti. Dwar dan l-attur kompla biex jghid illi kien sar pagament ta’ Lm300 fit-30 ta’ Lulju 1996, iehor ta’ Lm300 fis-7 ta’Ottubru 1996, u l-ahhar wiehed li sar, ta’ Lm300 wkoll, u dan “… fl-sitess

perijodu tal-pagament li semmejt anzi …. matul l-istess gimgha. Ghalhekk kien ghad fadal bilanc dovut lilu ammontanti ghal Lm2500. Sussegwentement meta, l-attur kien jmur fl-istess stabbilment u kien jitlob il-hlas ta' dan il-bilanc inghad il-konvenut, dan kien dejjem ghidli, bhala skuza, "mhux issa" u "imbaghad intihomlok" u ghalhekk l-imsemmi bilanc qatt ma kien thallas. L-istess attur specifika illi l-ahhar li kien avvicina lill-konvenut dwar dan is-suggett kien f'Marzu tas-sena' elfejn ("madwar sentejn ilu") u f'din l-okkazzjoni l-konvenut kien qallu "tersaqx aktar 'l hawn". Ghalhekk kienu nbdew il-proceduri legali billi giet presentata ittra ufficjali u dan fis-27 ta' April 2001 (ara fol 18 u fol 19 dwar l-istess att gudizzjarju notifikat lill-konvenut fis-7 ta' Mejju 2001). Fl-ahhar nett l-attur semma telefonata li hu kien ghamel lill-konvenut, qabel il-presentata ta' din l-ittra, meta l-konvenut kien qallu "… li kien ser icempilli" izda dan ma avverax ruhu. Inoltre l-attur esebixxa fotokopja ta' dokument (fol 24 tal-atti markat Dok AC1) u li fuqu hemm imnizzlin l-imsemmija pagamenti li saru w d-dati relattivi.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 28 u fol 36 et seq ibid) qed jsostni illi hu hallas l-ammont kollu, pretiz mill-atturi. Dwar dan, il-konvenut irrakonta kif l-attur kien inkariga "prokuratur', certu Yose Buttigieg sabiex jigbor l-ammont in kwistjoni u, wara thedid li kien sarlu, l-istess konvenut kien ta' lil dan l-individwu erbghin "post-dated cheques" b'valur ta' Lm50 il-wiehed u b'data ta' maturita "kull 10 tax-xahar bl-ewwel wiehed dovut fl-10 ta' Mejju 1999, In rigward il-bilanc ta' Lm500, il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallsu sal-31 ta' Mejju 1999, in rigward liema ammont"…nghid li ma niftakarx jekk hallastux". In rigward ic-"cheques" li kienu "post dated", il-konvenut sema illi "nahseb li kienu ssarfu cekkijiet b'import totali ta' madwar Lm800/Lm900" (Dwar il-premess ara d-dokumenti a fol 31, 32, u 33 tal-atti). Dwar dan l-ammont li sema' fl-ahhar, il-konvenut kien ikkonferma illi, mill-"post-dated cheques" moghtija lill-Yose Buttigieg kienu ssarfu sittax minnhom ta' impost totali ta' Lm800 (ara l-fotokopji ta' dawn ic-"cheques" imsarrfin a fol 38 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li l-ammont pretiz mill-attur jirreferi ghal bejgh ta’ merkanzija u l-prezz relattiv li kellu jithallas mill-konvenut skond kif hemm stipulat a fol 16 fil-paragrafi wiehed (1) u tnejn (2). L-ewwel pagament kellu jsir sal-31 ta’ Awissu 1995 u l-pagamenti l-ohra mhux aktar tard mit-28 (29) ta’ Frar u l-31 ta’ Awissu tas-snin sussegwenti. Il-konvenut, pero’, kien hallas, direttament lill-attur, l-ammonti indikati a fol 24 tal-atti bl-ahhar wiehed maghmul ftit wara is-7 ta’ Ottubru 1996. Pero jidher ukoll li l-konvenut kien hareg l-imsemmija hamsin “post dated cheques” lill-“prokuratur” indikat. Mid-dokumenti a fol 38 tal-atti jidher li l-“post dated cheques” imsarrfin mill-istess ‘prokuratur’ kellhom dati ta’ maturita bejn l-10 ta’ Mejju 1999 sal-10 ta’ Settembru 2000. Sussegwentement, l-attur kien ippresenta, fis-27 ta’ April 2001, l-imsemmija ittra ufficjali u l-avviz in esami fit-12 ta’ Lulju 2001.

Illi l-konvenut issottometta illi din l-azzjoni hi preskritta bil-perjodu ta’ tmintax-il-xahar jew ta’ hames snin skond l-artikolu 2148(b) u 2156(f) tal-kodici Civili, kif citati, minnu skond jekk il-bejgh in kwistjoni kienx wiehed bl-imnut jew bl-ingrossa. Dwar dan il-punt, pero’ il-Qorti tara illi, fiz-zewg kazijiet citati mill-konvenut il-preskrizzjoni giet interrotta bl-operat tal-artikoli 2133, 2134, 2136 u 2128 tal-Kodici Civili u b’hekk il-perijodu ta’ preskrizzjoni, applikabbli ghal dan il-kaz, hu x’inhu, ma skadiex u b’hekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, f’kull kaz, ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzojni tal-preskrizzjoni u tordna li dan il-kaz jitkompla sabiex jigi deciz il-meritu wara li jigu konsiderati l-eccezzjonijiet rimanenti.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------